MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 713/2001/1

**HSBC Bank Malta Plc rapprezentat mill-Prokuratur Legali Adrian Borg, li jidher ukoll f' ismu proprju.**

**-vs-**

**1. Direttur Generali u Registratur tal-Qrati.**

**2. Avukat Dr. Thomas Abela.**

**3. Avukat Dr. Carlo Vigna.**

**4. Benjamin Muscat f' ismu proprju u ghan-nom u fl-interess ta' Benny's Catering Ltd.**

**5. Mary Muscat ghal kull interess li jista' jkollha fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma' l-imsemmi zewgha Benjamin Muscat.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-HSBC Bank Malta Plc rapprezentat mill-Prokuratur Legali Adrian Borg, u tal-istess Prokuratur Legali Adrian Borg pprezentat fis-26 t' April, 2001 li permezz tieghu bil-qima qalu illi:

1. B' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta' Gunju 1994 fil-kawza fl-ismijiet *"Prokuratur Legali Adrian Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mid-Med Bank Ltd. –vs- Benjamin Muscat personalment u f' isem u ghan-nom ta' Benny Catering Limited u martu Mary Muscat ghal kull interess li jista' jkollha fil-kwalita' taghha ta' co-rappresentant tal-kumunjoni ta' l-akkwisti"*, Citaz Nru: 634/94 JSP, l-istess Qorti rrendiet kuntratt tal-31 ta' Mejju 1988 titolu ezekuttiv sabiex l-attur *nomine* ikun jista' jithallas is-somma ta' Lm116, 314.46,2 bl-imghax tat-tmienja fil-mija.

2. Peress li kienu ghaddew aktar mill-hames snin preskritti mill-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u

Procedura Civili, fil-11 ta’ Mejju 2000 il-Bank rikorrenti pprezenta rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn wara li ppremetta li l-konvenuti fl-imsemmija kawza kienu ghadhom debituri tal-Bank fl-ammont ta’ disgha u tmenin elf u mitejn Lira (Lm89,200) fil-kont ta’ *overdraft* numru 64 113 7553 oltre l-imghax tat-tmienja fil-mija mit-22 ta’ Marzu 1988 u l-ispejjez tal-kawza, talab li prevja konferma tas-sentenza msemmija u l-bilanc imsemmi li ghadu fil-fatt dovut, din l-Onorabbli Qorti tikkonferma t-titolu ezekuttiv tal-attur *nomine,* tirratikika s-sentenza fuq imsemmija u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma hawn fuq imsemmija.

3. B’ sentenza tat-30 ta’ Jannar, 2001, din l-Onorabbli Qorti, konxja tal-fatt li l-proceduri quddiemha kienu biss biex jissodisfaw id-dispost tal-Artiklu 258 tal-Kap. 12 u edotta pjenament minn dak li jiddisponi u jirrikjedi l-imsemmi artiklu 258 *ibid.,* laqghet it-talba tar-rikorrenti *biss fis-sens li awtorizzat ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 l-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Prokuratur Legali Adrian Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Mid-Med Bank Ltd. Vs Benjamin Muscat personalment u f’isem u ghan-nom ta’ Banny Catering Ltd u martu Mary Muscat ghal kull interess li jista’ jkollha fil-kwalita’ taghha ta’ co-rapprezentant tal-komunjoni ta’ l-akkwisti (Ciazt Nru 634/94 JSP) moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta’ Gunju, 1994. Bl-ispejjes kollha ta’ din il-procedura kontra l-intimati.*

4. L-intimat Direttur Generali u Registratur tal-Qrati ntaxxa d-drittijiet ghal din is-sentenza fis-somma ta’ Lm1260 bhala dritt tar-registru, fis-somma ta’ Lm1150 bhala dritt ta’ l-Avukat, u Lm383.33 bhala dritt tal-Prokuratur Legali, u dana billi ntaxxa dawn id-drittijiet *ad valorem* fuq l-ammont imsemmi fil-kawza.

5. Ir-rikorrenti jissottomettu li din it-tassazzjoni hija zbaljata ghaliex l-ebda valur ma’ kien involut fir-referenza lil din il-Qorti. Kien biss involut punt ta’ dritt konisitenti semplicement f’ awtorizazzjoni a *procedere* tigi ntaxxata bhala punt ta’ ligi (qabel riferit bhala *artikolu*). Huwa ndikat li ssir tassazzjoni gdida tad-drittijiet fuq indikati mhux aktar fuq bazi ta’ valuri.

6. Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja dikjrazzjoni li t-tassazzjoni tad-drittijiet tar-registru, avukat u prokuratur legali, fil-kawza precitata fl-ismijiet Prokuratur Legali Adrian Borg noe vs Benjamin Muscat pro et noe, deciza fit-30 ta’ Jannar 2001, hija erronea u konsegwntement inattendibbli, tordna lill-intimat Direttur Generali u Registratur tal-Qrati jirrivedi l-istess tassazzjoni billi jintaxxa mill-gdid dritt ghar-registru, ghall-avukat, u ghall-prokuratur legali, fuq bazi ta’ punt ta’ ligi b’ kunsiderazzjoni biss tax-xoghol u responsabbilita’ involuti, bl-ispejjes.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati pprezentata fl-24 ta’ Mejju, 2001 li permezz taghha qal bir-rispett:

Illi hija giet notifikata bir-rikors imsemmi fit-18 ta’ Mejju, 2001, liema rikors jinsab appuntat ghas-seduta ta’ l-Erbgha 6 ta’ Gunju, 2001.

L-esponenti tirrileva illi:

Preliminarjament ir-rikors imsemmi huwa irritwali u null fil-konfront ta’ l-esponenti stante li ma’ giex precedut minn ittra ufficjali jew protest gudizzjarju skond ta’ l-Artikolu 460 tal-Kap.12.

Subordinatament id-dokument esibit ma' l-istess rikors mhux skond kif rikjest mill-Ligi u ghalhekk huwa invalidu;

Bla pregudizzju, it-talba hija preskritta;

Fil-mertu it-taxxa hija korretta.

Rat is-sentenzi ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar, 2002 u tas-16 ta' Jannar, 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-atti din il-Qorti trid tiddeciedi jekk meta tigi deciza kawza li fiha tkun intalbet awtorizzazzjoni biex tigi esegwita sentenza, ir-Registratur ghandhux jintaxxaha fuq il-valur tal-kawza inizjali (kif sar f' dan il-kaz) jew inkella bhala punt ta' ligi u kwindi tigi intaxxata bhala dikjarazzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti din hija kwistjoni ta' soluzzjoni facli. F' kawza simili, il-Qorti trid tivverifika biss li nghatat sentenza iktar minn hames snin qabel u li l-kreditu ma' jkunx gie sodisfatt. Il-mertu jkun sostanzjalment differenti minn dak tal-kawza li tkun qed tintalab l-esekuzzjoni taghha. Fil-fehma tal-Qorti ma jkunx gust ghall-partijiet li jergghu ihallsu l-istess drittijiet u certament ma kienx l-intenzjoni tal-legislatur li dan isir. Il-Qorti anzi ma' tistax tifhem kif kawza simili giet intaxxata ad valorem u mhux fuq punt ta' dritt.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li t-taxxa imsemmija hija erronja, u tordna lill-intimat Direttur Generali u Registratur tal-Qorti illi jirrevedi l-istess tassazzjoni u jintaxxa mill-gdid id-drittijiet kollha fuq**

**bazi ta’ punt ta’ ligi b’ konsiderazzjoni ghax-xoghol u responsabilita’ involuti; l-ispejjez ta’ din il-vertenza jithallsu mill-intimat Registratur tal-Qorti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------